Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Qrendi

# NEWSLETTER

***Maħruġa mill-Amministrazzjoni, l-Istaff u l-Kunsill Skolastiku***

*"L-Iskola Tiswa"*

**Il-Motto tal-Iskola**

**OTTUBRU 2011**
**Ħarġa Nru. 1**

**email: sbc.qrendi.pr@gov.mt**
**Tel: 21640673**

---

## *Għall-Ġid tat-Tfal...*

Għeżież Ġenituri,

Insellmulkom u nagħtukom merħba għal sena skolastika oħra. Nittama li jkollna sena tajba ta' ħidma u koperazzjoni biex flimkien inkomplu nibnu fuq is-suċċessi tas-sena l-oħra.

Nixtieq qabel xejn nifraħ lis-Sur Ethelbert Fenech li ġie jaħdem magħna fl-iskola bħala Assistent Kap. Is-Sur Fenech ser ikun jgħini fl-amministrazzjoni u jkun responsabbli tat-tmexxija meta jien inkun assenti. Din hija għajnuna importanti għall-iskola biex ngħinu l-istudenti jitgħallmu iktar u aħjar.

Għal din is-sena skolastika ta' riforma fl-edukazzjoni għandna programm mimli b'diversi attivitajiet u proġetti. Nixtieq nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom li għoġobkom timlew il-kwestjonarju tas-sena l-oħra. Is-suġġerimenti li għamiltulna ser nikkunsidrawhom u nippruvaw inwettquhom.

Bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali diġa rnexxielna nneħħu s-siġar li kienu qed jimblukkaw il-bankina mal-ġenb tal-iskola. Din il-bankina għad trid tiġi rranġata bit-tarmak.

Suġġeriment ieħor importanti li ħafna minnkom kitbu fuqu kien biex navżawkom fil-ħin bl-attivitajiet ħalli tkunu tistgħu tbattlu mix-xogħol. Illum f'din in-*Newsletter* qed nibagħtulkom l-Kalendarju għax-xahar t'Ottubru.

Bħala ħidma fit-tagħlim aħna bi ħsiebna nkomplu nibnu fuq is-suċċessi tas-sena l-oħra. L-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Qrendi b'mod ġenerali marru tajjeb ħafna fl-eżamijiet u saħansitra ġabu marki aħjar minn ta' skejjel oħra akbar minnha. Għalhekk biex naqblu wkoll mal-filosofija tar-riforma fl-edukazzjoni aħna ser inkomplu nagħfsu fuq il-ħiliet personali ta' kull student u studenta. Irridu ngħinuhom jibnu personalita' soda bil-kunfidenza fihom infushom bħala ċittadini Maltin.



*Mix-xellug:*
Mr. C. Pace (Kap tal-Iskola); Mrs. M. Magro (Clerk);
Mr. E. Fenech (Asst. Kap).

Dan il-għan nistgħu nilħquh permess tal-ħidma tal-għalliema dedikati li għandna fl-iskola tagħna u bil-koperazzjoni kontinwa tagħkom.

Għal din is-sena l-iskola għażilna 3 miri priniċipali biex nimxu fuqhom:

1. Li nrawwmu fl-istudenti l-imħabba għall-qari u ngħinuhom itejbu l-kapaċita' li jesprimu ruħhom tajjeb.
2. Li nħeġġu lit-tfal itejbu l-imġieba tagħhom permezz tad-dixxiplina billi nżommu *policies* tal-iskola; eż. dwar uniformi, ħinijiet, ikel, H.W; *bullying*, eċċ.
3. Li nistinkaw biex noħolqu ambjent nadif u sikur madwarna bħala parti mill-proġett biex il-Primarja tal-Qrendi ssir Eko-Skola.

Jien żgur li flimkien bl-għajnuna t'Alla kapaċi nilħqu dawn il-miri speċjali li għażilna għal din is-sena.

Inselli għalikom ħafna.

Karmenu Pace
Surmast tal-Iskola